II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 715/2010

tal-10 ta' Awwissu 2010

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) No 2223/96 fir-rigward ta' adattamenti wara r-reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u l-klassifikazzjoni tal-statistiska ta' prodotti skont l-attività (CPA) f'kontijiet nazzjonali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 2(2) u 3(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-introduzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni aġġornata hija ċentrali għall-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tinżamm ir-rilevanza tal-istatistiċi Ewropej, billi jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u tibdil strutturali fl-ekonomija.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika [2] stabbilixxa klassifikazzjoni riveduta tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi, li tissejjaħ NACE Reviżjoni 2 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "NACE Rev.2").

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni ta' statistiska ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 [3] stabbilixxa klassifikazzjoni riveduta tal-istatistika ta' prodotti skont l-attività (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CPA 2008").

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2223/96 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ESA 95") jipprovdi metodoloġija ta' standards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontabilità għat-tfassil tal-kontijiet tal-Istati Membri.

(5) L-istabbiliment ta' klassifikazzjoni riveduta tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi u klassifikazzjoni riveduta tal-istatistika ta' prodotti skont l-attività jeħtieġu adattament tar-Regolament (KE) Nru 2223/96.

(6) Il-Kumitat dwar l-Istatistiċi Monetarji, Finanzjarji u tal-Bilanċ ta' Pagamenti (CMFB) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE [4] ġie kkonsultat.

(7) Il-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika ġie kkonsultat,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2223/96 huwa emendat kif ġej:

(1) It-terminu "NACE rev. 1" hu sostitwit b' "NACE Rev. 2" tul it-test ħlief għal paragrafu 8.153.

(2) Fil-paragrafu 2.34, "diviżjoni 70" hija sostitwita b' "diviżjoni 68".

[1] ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.
[2] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
[3] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65.
[4] ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21.

(3) It-test tan-nota f'qiegħ il-paġna (1) sal-paragrafu 2.103 huwa sostitwit b' "NACE Rev. 2: Klassifikazzjoni tal-Istatistika ta" Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika'.

(4) Fin-nota f'qiegħ il-paġna (2) sal-paragrafu 2.106, "ISIC Rev. 3" hija sostitwita b' "ISIC Rev. 4".

(5) It-test tan-nota f'qiegħ il-paġna sal-paragrafu 2.118 huwa sostitwit b' dan li ġej: "CPA: Klassifikazzjoni tal-Istatistika tal-Prodotti skont l-Attività b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistiska ġdida tal-prodotti skont l-attività (CPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93."

(6) Fl-Anness 7.1 għall-Kapitolu 7, id-definizzjoni ta' "Tagħmir ta" trasport (AN.11131)' hija sostitwita b'dan li ġej: "Tagħmir għall-ġarr ta' persuni u oġġetti. L-eżempji jinkludu prodotti għajr il-partijiet inklużi fis-CPA (1) diviżjonijiet 29 u 30, bħal vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers, bastimenti, lokomotivi tal-ferroviji u tat-tramm u materjal ċirkulanti, ajruplani u vetturi spazjali, u muturi, roti, eċċ.".

(7) Fl-Anness 7.1 għall-Kapitolu 7, id-definizzjoni ta' "Makkinarju u tagħmir ieħor (AN.11132)" hija sostitwita b'dan li ġej: "Makkinarju u tagħmir mhux ikklassifikati x"imkien ieħor. Eżempji jinkludu prodotti għajr partijiet, installazzjoni, servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni inklużi fis-CPA gruppi 28.1, makkinarju għal għanijiet ġenerali; 28.2, makkinarju ieħor għal għanijiet ġenerali; 28.3, makkinarju tal-agrikultura u l-forestrija; 28.4, makkinarju li jifforma l-metall u għodod tal-magni; 28.9 makkinarju ieħor għal għanijiet speċjali; 26.2, kompjuters u tagħmir periferali; 26.3, tagħmir ta' komunikazzjoni; 26.4 elettroniċi għall-konsumatur; 26.5 tagħmir tal-kejl, ittestjar u navigazzjoni; arloġġi tal-idejn u arloġġi; 26.6 tagħmir tal-irradjazzjoni, elettromedikali u elettroterapewtiku; 26.7 strumenti ottiċi u tagħmir fotografiku; u fis-CPA diviżjoni 27, tagħmir elettroniku. Eżempji oħra huma prodotti għajr partijiet, installazzjoni, servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni inklużi fil-kategorija CPA sottokategorija 20.13.14, elementi tal-fjuwil (cartridges), mhux irradjati, għar-reatturi nukleari; fis-CPA diviżjoni 31, għamara; Fis-CPA gruppi 32.2, strumenti mużikali; 32.3, oġġetti tal-isport; u 25.3, ġeneraturi tal-fwar, ħlief bojlers tal-miżhun tat-tiżhin ċentrali'.

(8) It-test tan-nota f'qiegħ il-paġna (1) sal-Anness 7.1 għall-Kapitolu 7 huwa sostitwit b' dan li ġej: "Klassifikazzjoni tal-Statistika tal-Prodotti skont l-Attività (CPA)".

(9) Fl-Anness II paragrafu 7, "klassi 70.20 'Kiri ta' proprjetà personali' hija sostitwita bi "klassi 68.20 'Kiri u operazzjoni ta' proprjetà immobbli tal-individwu jew mikrija lill-individwu' ", "diviżjoni 71 "Kiri ta" makkinarju u apparat li jintuża mingħar operatur u ta' prodotti personali u domestiċi"" hija sostitwita b' "diviżjoni 77 'Attivitajiet ta' kiri u ta' kiri fit-tul' " u "klassi 60.24" hija sostitwita bi "klassi 49.41".

(10) Fl-Anness II paragrafu 11, "klassi 65.21" hija sostitwita bi "klassi 64.91".

(11) Fl-Anness II paragrafu 14, "klassi 65.22" hija sostitwita bi "klassi 64.92".

(12) Fl-Anness III paragrafu 14, "klassi 75.30" hija sostitwita bi "klassi 84.30".

(13) Fl-Anness III paragrafu 17, "klassi 66.02" hija sostitwita bi "klassi 65.30".

(14) Fl-Anness III paragrafu 32, "klassi 66.01" hija sostitwita bi "klassi 65.11".

(15) Fl-Anness III paragrafu 37, "klassi 66.03" hija sostitwita bi "klassi 65.12".

(16) Fl-Anness III paragrafu 41, "klassi 67.20" hija sostitwita bi "grupp 66.2".

(17) Fit-Tabella 8.22, it-titolu tat-Tabella "INDUSTRIJI (skont it-taqsimiet tan-NACE)" huwa sostitwit b' "INDUSTRIJI (skont it-taqsimiet ta' NACE rev. 1)".

(18) Fl-Anness IV, it-titolu tat-taqsima "RAGGRUPPAR U KKODIFIKAR TA' INDUSTRIJI (A), PRODOTTI (P) U INVESTIMENTI (FORMAZZJONI TA' KAPITAL FISS) (PI)" huwa sostitwit b'dan li ġej: "RAGGRUPPAR U KKODIFIKAR TA' INDUSTRIJI (A*), PRODOTTI (P*) U ASSI FISSI (FORMAZZJONI TA' KAPITAL FISS (AN)".

(19) Fl-Anness IV, it-test li jsegwi t-titolu: "RAGGRUPPAR U KKODIFIKAR TA' INDUSTRIJI (A), PRODOTTI (P) U INVESTIMENTI (FORMAZZJONI TA' KAPITAL FISS) (PI)" huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(20) Fl-Anness B, "A3" hija sostitwita b' "A*3", "A6" hija sostitwita b' "A*10", "A6†" hija sostitwita b' "A*10", "A17" hija sostitwita b' "A*21", "A31" hija sostitwita b' "A*38", u "A60" hija sostitwita b' "A*64" tul it-test.

(21) Fl-Anness B, fit-Tabella "Ħarsa ġenerali tat-tabelli":

— Taqsimiet b'referenza għat-Tabelli 15 u 16 qed jitħassru:

15	It-tabella tal-provvisti bi prezzijiet bażiċi li jinkludu t-trasformazzjoni fil-prezzijiet tax-xerrejja, A60 * P60	36	2007	Mill-2000 'il-quddiem
16	It-tabella tal-użu bi prezzijiet tax-xerrejja, A60 * P60	36	2007	Mill-2000 'il-quddiem

u huma sostitwiti b'dan li gej:

15	It-tabella tal-provvisti bi prezzijiet bażiċi li jinkludu t-trasformazzjoni fil-prezzijiet tax-xerrejja	36	2007	Mill-2000 'il-quddiem
16	It-tabella tal-użu bil-prezz tax-xerrejja	36	2007	Mill-2000 'il-quddiem

— Taqsimiet b'referenza għat-Tabelli 17, 18 u 19 qed jitħassru:

17	It-tabella simetrika dħul-produzzjoni bi prezzijiet bażiċi, P60 * P60, kull ħames snin	36	2008	Mill-2000 'il-quddiem
18	It-tabella simetrika dħul-produzzjoni għall-produzzjoni domestika bi prezzijiet bażiċi, P60 * P60, kull ħames snin	36	2008	Mill-2000 'il-quddiem
19	It-tabella simetrika dħul-produzzjoni għal importazzjonijiet bi prezzijiet bażiċi, P60 * P60, kull ħames snin	36	2008	Mill-2000 'il-quddiem

u huma sostitwiti b'dan li gej:

17	It-tabella simetrika dħul-produzzjoni bi prezzijiet bażiċi, kull ħames snin	36	2008	Mill-2000 'il-quddiem
18	It-tabella simetrika dħul-produzzjoni għall-produzzjoni domestika bi prezzijiet bażiċi, kull ħames snin	36	2008	Mill-2000 'il-quddiem
19	It-tabella simetrika dħul-produzzjoni għal importazzjonijiet bi prezzijiet bażiċi, kull ħames snin	36	2008	Mill-2000 'il-quddiem

(22) Fl-Anness B, "n = 60" hija sostitwita b' "n + 64" u "m = 60" hija sostitwita b' "m = 64" tul it-test.

(23) Fl-Anness B, it-Tabella 10 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 10 – **Tabelli skont l-industrija u skont ir-reġjun (NUTS II)**

Kodici	Lista tal-varjabbli	Analiżi
B1.g	1. Il-valur miżjud gross bil-prezzijiet bażiċi (il-prezzijiet kurrenti)	A*10
D.1	2. Kumpens tal-impjegati (il-prezzijiet kurrenti)	A*10
P.51	3. Formazzjoni ta' kapital gross fiss (il-prezzijiet kurrenti)	A*10
	4. Ix-xogħol f'eluf ta' persuni u eluf ta' siegħat maħduma	
ETO	— Totali	A*10
EEM	— L-impjegati	A*10"

(24) Fl-Anness B, it-Tabella 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 12 – **Tabelli skont l-industrija u skont ir-reġjun (NUTS III)**

Kodici	Lista tal-varjabbli	Analiżi
B1.g	1. Il-valur miżjud gross bil-prezzijiet bażiċi (il-prezzijiet kurrenti)	A*10
	2. Ix-xogħol (eluf ta' persuni)	
ETO	— Totali	A*10
EEM	— L-impjegati	A*10"

(25) Fl-Anness B, fit-Tabelli 15 u 16, "Prodotti (CPA)" huwa sostitwit minn "Prodotti (P*64)" u "Industriji (NACE A60)" hija sostitwita minn "Industriji (A*64)".

(26) Fl-Anness B, fit-Tabelli 17, 18 u 19, "Prodotti" hija sostitwita minn "Prodotti (P*64)".

(27) Fl-Anness B, fit-taqsima "Derogi mill-Istat Membru":

— il-Bulgarija: Tabella 2.1 "Derogi għat-tabelli" ir-referenza li ġejja għat-Tabella 22 qed titħassar:

22	Il-varjabbli kollha	Snin 2005: l-ewwel trażmissjoni fl-2008	2005	2008
		Snin 2000-2004: l-ewwel trażmissjoni fl-2010	2000-2004	2010
		Snin 1998-1999: l-ewwel trażmissjoni fl-2011	1998-1999	2011
		Snin 1995-1997: m'għandhiex tiġi trażmessa	1995-1997	M'għandhiex tiġi trażmessa

u hija sostitwita b'dan li gej:

22	Il-varjabbli kollha	Snin 2005: l-ewwel trażmissjoni fl-2008	2005	2008
		Snin 2000-2004: l-ewwel trażmissjoni fl-2010	2000-2004	2010
		Snin 1995-1999: m'għandhiex tiġi trażmessa	1995-1999	M'għandhiex tiġi trażmessa

— il-Bulgarija: Tabella 2.2 "Derogi għal oġġetti/varjabbli individwali fit-Tabelli" ir-referenza li ġejja għat-Tabella 10 qed titħassar:

10	Formazzjoni ta' kapital gross fiss (P.51)	Snin 2005-2006: l-ewwel trażmissjoni fl-2009	2005-2006	2009
		Snin 2000-2004: l-ewwel trażmissjoni fl-2011	2000-2004	2011
		Snin 1998-1999: l-ewwel trażmissjoni fl-2012	1998-1999	2012
		Snin 1995-1997: m'għandhiex tiġi trażmessa	1995-1997	M'għandhiex tiġi trażmessa

u hija sostitwita b'dan li gej:

10	Formazzjoni ta' kapital gross fiss (P.51)	Snin 2005-2006: l-ewwel trażmissjoni fl-2009	2005-2006	2009
		Snin 2000-2004: l-ewwel trażmissjoni fl-2011	2000-2004	2011
		Sena 1999: l-ewwel trażmissjoni fl-2012	1999	2012
		Snin 1995-1998: m'għandhiex tiġi trażmessa	1995-1998	M'għandhiex tiġi trażmessa

— il-Greċja: it-Tabella 7.2 "Derogi għal oġġetti/varjabbli individwali fit-tabelli" ir-referenza li ġejja għat-Tabella 1 qed tiġi ssostitwita:

1	Impjieg – kull tliet xhur	Snin 1990-1994: l-ewwel trażmissjoni fl-2011	1990-1994	2011

u hija sostitwita b'dan li gej:

1	Impjieg – kull tliet xhur – totali	Snin 1990-1994: l-ewwel trażmissjoni fl-2011	1990-1994	2011
	Impjieg – kull tliet xhur – analiżi tal-industrija	Snin 1990-1994: m'għandhiex tiġi trażmessa	1990-1994	M'għandhiex tiġi trażmessa

— Franza: Tabella 9.1 "Derogi għat-tabelli" ir-referenza li ġejja għat-Tabella 3 qed tiġi ssostitwita:

3	Il-varjabbli kollha: analiżi skont l-industrija A31, A60	Snin 1980-1998: l-ewwel trażmissjoni fl-2011	1980-1998	2011

u hija sostitwita b'dan li gej:

3	Il-varjabbli kollha eskluż l-popolazzjoni, l-impjieg u l-kumpens tal-impjegati: analiżi dettaljata skont l-industrija A*38, A*64	Snin 1995-1998: l-ewwel trażmissjoni fl-2012	1995-1998	2012
		Snin 1980-1994: m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1994	M'għandhiex tiġi trażmessa

— l-Olanda: it-Tabella 18.2 "Derogi għal oġġetti/varjabbli individwali fit-tabelli" ir-referenza li ġejja għat-Tabella 1 qed tiġi ssostitwita:

1	Impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom f'unitajiet ta' produzzjoni residenti: industrija J sa K u L sa P, persuni – annwali	Snin 1980-1986: m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa

u hija sostitwita b'dan li gej:

1	Impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom f'unitajiet ta' produzzjoni residenti: industrija K sa L u O sa T, persuni – annwali	Snin 1980-1986: m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa

— l-Olanda: it-Tabella 18.2 "Derogi għal oġġetti/varjabbli individwali fit-tabelli" ir-referenzi li ġejjin għat-Tabella 3 qed jitħassru:

3	Il-prezzijiet kurrenti:			
	Il-varjabbli P.1, P.2, B.1.G, D.29-D.39, D.1 D 11 għall-industriji B, DC_DD, DI, DN	Snin 1980-1986: m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli B.2N+B.3.N għall-industriji, B, CA_CB, DC_DD, DH_DI, DK_DN, DH, DO	Snin 1980-1986: m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa
3	Prezzijiet tas-sena ta' qabel u l-volumi marbuta mill-qrib:			
	Il-varjabbli B.1G għall-industriji B, CA_CB, DB_DE, DH_DN, J_K, O_P	Snin 1980-1987 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1987	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli K.1 għall-industriji B, CA_CB, DC_DD, DH_DI, DK_DN, H_O	Snin 1980-1995 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1995	M'għandhiex tiġi trażmessa
3	Il-prezzijiet kurrenti:			
	Il-varjabbli P.5, P.52, P.53 analiżi skont l-industrija	Snin 1980-1994 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1994	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli P.51 għall-industriji B, CA_CB, DC_DD, DI	Snin 1980-1986 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa
3	Prezzijiet tas-sena ta' qabel u l-volumi marbuta mill-qrib:			
	Il-varjabbli P.5, P.52, P.53	Snin 1980-1987 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1987	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli P.5, P.52, P.53 analiżi skont l-industrija	Snin 1988-1995 m'għandhiex tiġi trażmessa	1988-1995	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli P.51 għall-industriji B, CA_CB, DC_DD, DI	Snin 1980-1987 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1987	M'għandhiex tiġi trażmessa

u huma sostitwiti b'dan li gej:

3	Il-prezzijiet kurrenti:			
	Il-varjabbli P.1, P.2, B.1.G, D.29-D.39, għall-industriji 03, 13-16, 23, 28	Snin 1980-1986: m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli B.2N+B.3.N għall-industriji, 03, 05-09, 13-16, 22-23, 27-32	Snin 1980-1986: m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa
3	Prezzijiet tas-sena ta' qabel u l-volumi marbuta mill-qrib:			
	Il-varjabbliB.1G għall-industriji 03, 05-09, 13-17, 22-33, 64-68, 96-98	Snin 1980-1987 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1987	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il varjabbli K.1 għall-industriji 03, 05-09, 13-16, 22-23, 27-32, 55-96	Snin 1980-1995 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1995	M'għandhiex tiġi trażmessa

3	Il-prezzijiet kurrenti:			
	Il-varjabbli P.5, P.52, P.53 analiżi skont l-industrija	Snin 1980-1994 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1994	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il- varjabbli P.51 għall-industriji 03, 05-09, 13-16, 23	Snin 1980-1986 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1986	M'għandhiex tiġi trażmessa
3	Prezzijiet tas-sena ta' qabel u l-volumi marbuta mill-qrib:			
	Il-varjabbli P.5, P.52, P.53	Snin 1980-1987 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1987	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli P.5, P.52, P.53 analiżi skont l-industrija	Snin 1988-1995 m'għandhiex tiġi trażmessa	1988-1995	M'għandhiex tiġi trażmessa
	Il-varjabbli P.51 għall-industriji 03, 05-09, 13-16, 23	Snin 1980-1987 m'għandhiex tiġi trażmessa	1980-1987	M'għandhiex tiġi trażmessa

— l-Isvezja: it-Tabella 26.2 "Derogi għal oġġetti/varjabbli individwali fit-tabelli" it-terminu "Taqsim tal-industriji 50-52" qed jitħassar u huwa sostitwit b' "Taqsim tal-industriji 45-47".

(28) Fl-Anness B, dan li ġej huwa miżjud wara t-Tabella 26:

"TRAŻMISSJONI TAD-DEJTA

1. L-analiżi A*3, A*10, A*21, A*38, A*64 li ġejjin min-NACE Rev. 2 u P*3, P*10, P*21, P*38 u P*64 li ġejjin minn CPA 2008 għandhom jintużaw għal kull dejta trażmessa wara l-31 ta' Awwissu 2011, bl-eċċezzjonijiet elenkati fit-tieni sottoparagrafu.

L-Istati Membri li ngħataw deroga għat-trażmissjonijiet għat-Tabelli 15 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 2223/96 sal-2011 jew aktar tard għandhom japplikaw l-analiżi A3, A6, A17, A31, A60, P3, P6, P17, P31 u P60 għal perjodi ta' referenza sal-2007 u l-analiżi A*3, A*10, A*21, A*38, A*64, P*3, P*10, P*21, P*38 u P*64 għal perjodi ta' referenza mill-2008 'il quddiem, irrilevanti mill-ħin tat-trażmissjoni tad-dejta.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2014, it-trażmissjoni tat-Tabella 10 għandha tuża jew in-NACE Rev. 2 analiżi A*10 jew il-pożizzjonijiet aggregati tan-NACE Rev. 2 analiżi A*10:

— (G, H, I u J) minflok (G, H u I) u (J),

— (K, L, M u N) minflok (K), (L) u (M u N),

— (O, P, Q, R, S, T u U) minflok (O, P u Q) u (R, S, T u U).

Mill-1 ta' Jannar 2015 it-trażmissjoni tat-Tabella 10 għandha tuża n-NACE Rev. 2 analiżi A*10.

3. It-trażmissjoni tat-Tabella 12 għandha tuża jew in-NACE Rev. 2 analiżi A*10 jew il-pożizzjonijiet aggregati tan-NACE Rev. 2 analiżi A*10:

— (G, H, I u J) minflok (G, H u I) u (J),

— (K, L, M u N) minflok (K), (L) u (M u N),

— (O, P, Q, R, S, T u U) minflok (O, P u Q) u (R, S, T u U).

4. It-trażmissjoni tad-dejta skont l-analiżi A*38 u A*64 tal-oġġetti 26a u 44a rispettivament 'minn liema: kirjiet imputabbli ta' binjiet okkupati mis-sidien' speċifikati fit-taqsima RAGGRUPPAR U KKODIFIKAR TA' INDUSTRIJI (A*), PRODOTTI (P*) U ASSI FISSI (FORMAZZJONI TA' KAPITAL FISS) (AN) tal-Anness IV hija obbligatorja biss għall-varjabbli P.1, P.2, B.1g speċifikat fit-Tabella 3 tal-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 2223/96.

5. Bl-ewwel trażmissjoni mistennija wara l-31 ta' Awwissu 2011 skont il-programm tat-trażmissjoni ta' dejta dwar kontijiet nazzjonali ESA 95 li juża NACE Rev. 2 jew CPA 2008 għandha tiġi pprovduta dejta analizzata skont l-industrija jew il-prodott li tkopri l-perjodi ta' osservazzjoni li ġejjin:

(a) Tabella 1: mill-2000 (2000Q1 għal dejta ta' kull tliet xhur) 'il quddiem;

(b) Tabella 3: mill-2000 'il quddiem;

(c) Tabella 10: 2009;

(d) Tabella 12: 2009;

(e) Tabella 20: mill-2000 'il quddiem;

(f) Tabella 22: mill-2000 'il quddiem.

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu dejta annwali għat-Tabella 1, flimkien mal-ewwel trażmissjoni ta' Tabella 1 kull tliet xhur għall-Q2 tal-2011 u mhux akar tard mit-30 ta' Settembru 2011.

6. Bl-ewwel trażmissjoni mistennija wara l-31 ta' Awwissu 2012 ta' Tabelli skont il-programm ta' trażmissjoni ta' dejta dwar kontijiet nazzjonali ESA 95 li juża NACE Rev. 2 jew CPA 2008 għandha tiġi pprovduta dejta analizzata skont l-industrija jew il-prodott li tkopri minn tal-inqas il-perjodi ta' osservazzjoni li ġejjin:

(a) Tabella 1 (ħlief għal varjabbli elenkati taħt 'Popolazzjoni, Impjieg, Kumpens tal-impjegati'):

— 1990 (1990Q1 għal dejta ta' kull tliet xhur) 'il quddiem għall-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit,

— 1995 (1995Q1 għal dejta ta' kull tliet xhur(Stati Membri ġodda tfisser il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, s-Slovakkja;

(b) Tabella 3 (ħlief għal varjabbli elenkati taħt "Impjieg u Kumpens tal-impjegati"): 1995 'il quddiem għal A*10 u A*38;

(c) Tabella 10: mill-2000 'il quddiem;

(d) Tabella 12: mill-2000 'il quddiem.

7. Għat-Tabelli 15, 16, 17, 18 u 19, l-ebda dejta b'lura li tuża NACE Rev. 2 jew CPA 2008 hija meħieġa."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

"**A*3**

Nru. tas-Sekwenza	It-Taqsimiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
1	A	Agrikoltura, forestrija u sajd
2	B, C, D, E u F	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri; il-manifatturar; provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkundizzjonata; provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni; kostruzzoni
3	G, H, I, J, K, L, M, N O, P, Q, R, S, T u U	Servizzi

A*10

Nru. tas-Sekwenza	It-Taqsimiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
1	A	Agrikoltura, forestrija u sajd
2	B, C, D u E	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri; il-manifatturar; provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkundizzjonata; provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni
2a	*C*	*Li minnhom: il-manifatturar*
3	F	Kostruzzjoni
4	G, H u I	Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi; trasportazzjoni u ħażna; akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi marbuta mal-ikel
5	J	Informazzjoni u komunikazzjoni
6	K	Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni
7	L	Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli
8	M u N	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi; attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn
9	O, P, u Q	Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja; edukazzjoni; attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali
10	R, S, T u U	Arti, divertiment u rikreazzjoni, tiswija ta' oġġetti tad-dar u servizzi oħra

A*21

Nru. tas-Sekwenza	It-taqsima tan-NACE Rev. 2	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
1	A	01-03	Agrikoltura, forestrija u sajd
2	B	05-09	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri
3	C	10-33	Il-manifatturar
4	D	35	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata
5	E	36-39	Provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni

Nru. tas-Sekwenza	It-taqsima tan-NACE Rev. 2	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
6	F	41-43	Kostruzzjoni
7	G	45-47	Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
8	H	49-53	Trasport u ħażna
9	I	55-56	Akkommodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi marbuta mal-ikel
10	J	58-63	Informazzjoni u komunikazzjoni
11	K	64-66	Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni
12	L	68	Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli
13	M	69-75	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi
14	N	77-82	Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn
15	O	84	Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja
16	P	85	Edukazzjoni
17	Q	86-88	Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali
18	R	90-93	Arti, divertiment u rikreazzjoni
19	S	94-96	Attivitajiet oħra ta' servizz
20	T	97-98	Attivitajiet ta' persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu; attivitajiet mhux iddifferenzjati li jipproduċu oġġetti u servizzi minn persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom
21	U	99	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali

A*38

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
1	01-03	Agrikoltura, forestrija u sajd
2	05-09	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri
3	10-12	Manifatturar ta' prodotti tal-ikel, xorb u tabakk
4	13-15	Manifatturar ta' tessuti, ħwejjeġ li jintlibsu, u prodotti tal-ġilda
5	16-18	Manifatturar ta' prodotti tal-injam u tal-karti, u stampar
6	19	Manifatturar ta' kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
7	20	Manifatturar ta' kimiċi u prodotti kimiċi
8	21	Manifatturar ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
9	22-23	Manifatturar ta' prodotti tal-lakstu u tal-plastik, u prodotti minerali oħra li mhumiex metalliċi
10	24-25	Manifatturar ta' metalli bażiċi u ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ħlief għal makkinarju u tagħmir
11	26	Manifatturar ta' kompjuter, ta' prodotti elettroniċi u ottiċi
12	27	Manifatturar ta' tagħmir elettriku
13	28	Manifatturar ta' makkinarju u tagħmir n.e.c.
14	29-30	Manifatturar ta' tagħmir għat-trasport
15	31-33	Manifatturar ta' għamara; manifatturar ieħor; tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir
16	35	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata
17	36-39	Provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni
18	41-43	Kostruzzjoni
19	45-47	Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
20	49-53	Trasport u ħażna
21	55-56	Akkommodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi marbuta mal-ikel
22	58-60	Pubblikazzjoni, attivitajiet awdjoviżivi u dawk marbuta max-xandir
23	61	Telekomunikazzjonijiet
24	62-63	Programmar ta' kompjuter, konsulenza u attivitajiet relatati; attivitajiet ta' servizz tal-informatika
25	64-66	Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni
26	68	Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli
26a		*Li minnhom: kirjiet imputabbli ta' binjiet okkupati mis-sidien*
27	69-71	Attivitajiet legali u dawk marbuta mal-kontabilità; attivitajiet tal-kwartieri ġenerali; attivitajiet ta' konsulenza dwar ġestjoni; attivitajiet ta' arkitettura u ta' inġinerija; ittestjar u analiżi tekniċi
28	72	Riċerka xjentifika u żvilupp
29	73-75	Reklamar u riċerka dwar is-suq; attivitajiet oħra professjonali, xjentifiċi u tekniċi; attivitajiet veterinarji
30	77-82	Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
31	84	Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja
32	85	Edukazzjoni
33	86	Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem
34	87-88	Attivitajiet ta' ħidma soċjali
35	90-93	Arti, divertiment u rikreazzjoni
36	94-96	Attivitajiet oħra ta' servizz
37	97-98	Attivitajiet ta' persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu; attivitajiet mhux iddifferenzjati li jipproduċu oġġetti u servizzi minn persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom
38	99	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali

A*64

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
1	01	Produzzjoni tal-ħxejjex u tal-annimali, kaċċa u attivitajiet ta' servizz relatati
2	02	Forestrija u qtugħ ta' siġar għall-injam
3	03	Sajd u akwakultura
4	05-09	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri
5	10-12	Manifatturar ta' prodotti tal-ikel, xorb u tabakk
6	13-15	Manifatturar ta' tessuti, ħwejjeġ li jintlibsu, u prodotti tal-ġilda
7	16	Manifatturar ta' injam u prodotti tal-injam u tas-sufra, ħlief għal għamara; manifatturar ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali tat-trizza
8	17	Manifatturar ta' karta u prodotti tal-karti
9	18	Stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrata
10	19	Manifatturar ta' kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
11	20	Manifatturar ta' kimiċi u prodotti kimiċi
12	21	Manifatturar ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi
13	22	Manifatturar ta' prodotti tal-lakstu u tal-plastik
14	23	Manifatturar ta' prodotti minerali oħra li mhumiex metalliċi
15	24	Manifatturar ta' metalli bażiċi
16	25	Manifatturar ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ħlief għal makkinarju u tagħmir

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
17	26	Manifatturar ta' kompjuter, prodotti elettroniċi u ottiċi
18	27	Manifatturar ta' tagħmir elettriku
19	28	Manifatturar ta' makkinarju u tagħmir n.e.c.
20	29	Manifatturar ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers
21	30	Manifatturar ta' tagħmir ieħor ta' trasport
22	31-32	Manifatturar tal-għamara; manifatturar ieħor
23	33	Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir
24	35	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata
25	36	Il-ġbir, it-trattament u l-provvista tal-ilma
26	37-39	Sistema ta' drenaġġi; attivitajiet ta' ġbir u trattament tal-iskart u disponiment minnu; irkupru ta' materjali; attivitajiet ta' rimedjazzjoni u servizzi oħra ta' ġestjoni tal-iskart
27	41-43	Kostruzzjoni
28	45	Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
29	46	Kummerċ bl-ingrossa, ħlief għall-vetturi bil-mutur u muturi
30	47	Kummerċ bl-imnut, ħlief għall-vetturi bil-mutur u muturi
31	49	Trasport minn fuq l-art u trasport minn ġol-katusi
32	50	Trasport fuq l-ilma
33	51	Trasport bl-ajru
34	52	Il-ħżin tal-merkanzija u attivatijiet ta' sostenn għat-trasportazzjoni
35	53	Attivitajiet ta' posta u dawk ta' kurjer
36	55-56	Akkomodazzjoni; attivitajiet ta' servizzi marbuta mal-ikel u x-xorb
37	58	Attivitajiet ta' pubblikazzjoni
38	59-60	Produzzjoni ta' films, vidjow u programmi televiżivi, attivitajiet ta' reġistrazzjoni awdjo u pubblikazzjoni ta' mużika; attivitajiet ta' programmazzjoni u xandir
39	61	Telekomunikazzjonijiet
40	62-63	Programmar ta' kompjuter, konsulenza u attivitajiet relatati; attivitajiet ta' servizz tal-informatika
41	64	Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, ħlief għal fondi ta' assigurazzjoni u pensjoni

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tan-NACE Rev. 2	Deskrizzjoni
42	65	Assigurazzjoni, assigurazzjoni mill-ġdid u fondi tal-pensjoni, ħlief għas-sigurtà soċjali obbligatorja
43	66	Attivitajiet awżiljarji għal attivitajiet ta' servizzi finanzjarji u ta' assigurazzjoni
44	68	Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli
44a		*li minnhom: kirjiet imputabbli ta' binjiet okkupati mis-sidien*
45	69-70	Attivitajiet legali u dawk marbuta mal-kontabilità; attivitajiet tal-kwartieri ġenerali; attivitajiet ta' konsulenza dwar ġestjoni
46	71	Attivitajiet ta' arkitettura u ta' inġinerija ittestjar u analiżi tekniċi
47	72	Riċerka xjentifika u żvilupp
48	73	Reklamar u riċerka dwar is-suq
49	74-75	Attivitajiet oħra professjonali xjentifiċi u tekniċi; attivitajiet veterinarji
50	77	Attivitajiet ta' kiri u ta' twillija
51	78	Attivitajiet marbuta mal-impjieg
52	79	Aġenziji tal-ivjaġġar, operaturi tal-vjaġġi u servizzi ta' riservazzjoni u attivijitajiet relatati
53	80-82	Attivitajiet ta' sigurtà u ta' investigazzjoni; servizzi fir-rigward ta' binjiet u attivitajiet marbuta ma' pajsaġġ; amministrazzjoni ta' uffiċċji, sostenn għal uffiċċji u attivitajiet oħra ta' sostenn għal negozju
54	84	Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja
55	85	Edukazzjoni
56	86	Attivitajiet marbuta mas-saħħa tal-bniedem
57	87-88	Attivitajiet ta' ħidma soċjali
58	90-92	Attivitajiet kreattivi, marbuta mal-arti u divertiment; libreriji, arkivji, mużewijiet u attivitajiet kulturali oħra; attivitajiet tal-logħob tal-flus u l-imħatri
59	93	Attivitajiet ta' sport u attivitajiet ta' mogħdija ta' żmien u rikreazzjoni
60	94	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija
61	95	Tiswija ta' kompjuters u oġġetti personali u għad-dar
62	96	Attivitajiet oħra ta' servizz personali
63	97-98	Attivitajiet ta' persuni tad-dar bħala persuni li jimpjegaw; attivitajiet mhux iddifferenzjati li jipproduċu oġġetti u servizzi minn persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom
64	99	Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali

P*3

Nru. tas-Sekwenza	It-taqsimiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
1	A	Prodotti tal-agrikoltura, forestrija u sajd
2	B, C, D, E u F	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri; prodotti manifatturati; ġestjoni tal-elettriku, gass, fwar u arja kkundizzjonata; provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u servizzi ta' rimedjazzjoni; kostruzzjonijiet u xogħolijiet ta' kostruzzjoni
3	G, H, I, J, K, L, M, N O, P, Q, R, S, T u U	Servizzi

P*10

Nru. tas-Sekwenza	It-taqsimiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
1	A	Prodotti tal-agrikoltura, forestrija u sajd
2	B, C, D u E	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri; prodotti manifatturati; ġestjoni tal-elettriku, gass, fwar u arja kkundizzjonata; provvista tal-ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u servizzi ta' rimedjazzjoni
2a	*C*	*Li minnhom: prodotti manifatturati*
3	F	Kostruzzjonijiet u xogħlijiet ta' kostruzzjoni
4	G, H u I	Servizzi ta' kummerċ tal-operaturi ekonomiċi u tal-konsumaturi; servizzi ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi; servizzi ta' trasportazzjoni u ħażna; akkomodazzjoni u servizzi marbuta mal-ikel
5	J	Servizzi tal-informazzjoni u komunikazzjoni
6	K	Servizzi finanzjarji u ta' assigurazzjoni
7	L	Servizzi relatati ma' bini immobbli
8	M u N	Servizzi professjonali, xjentifiċi u tekniċi; servizzi amministrattivi u ta' sostenn
9	O, P, u Q	Servizzi ta' amministrazzjoni u difiża pubblika; servizzi obbligatorji ta' sigurtà soċjali; servizzi ta' edukazzjoni; servizzi marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali
10	R, S, T u U	Servizzi ta' arti, divertiment u rikreazzjoni, tiswija ta' oġġetti tad-dar u servizzi oħra

P*21

Nru. tas-Sekwenza	It-taqsima tas-CPA 2008	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
1	A	01-03	Prodotti tal-agrikoltura, forestrija u sajd
2	B	05-09	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri
3	C	10-33	Prodotti manifatturati
4	D	35	Elettriku, gass, fwar u arja kkundizzjonata
5	E	36-39	Provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u servizzi ta' rimedjazzjoni
6	F	41-43	Kostruzzjonijiet u xogħlijiet ta' kostruzzjoni
7	G	45-47	Servizzi ta' kummerċ tal-operaturi ekonomiċi u tal-konsumaturi; servizzi ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi

Nru. tas-Sekwenza	It-taqsima tas-CPA 2008	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
8	H	49-53	Servizzi ta' trasportazzjoni u ta' ħażna
9	I	55-56	Akkomodazzjoni u servizzi marbuta mal-ikel
10	J	58-63	Servizzi tal-informazzjoni u komunikazzjoni
11	K	64-66	Servizzi finanzjarji u ta' assigurazzjoni
12	L	68	Servizzi relatati ma' bini mmobbli
13	M	69-75	Servizzi prrofessjonali, xjentifiċi u tekniċi
14	N	77-82	Attivitajiet amministrattivi u ta' sostenn
15	O	84	Servizzi ta' amministrazzjoni u difiża pubblika; servizzi obbligatorji ta' sigurtà soċjali
16	P	85	Servizzi fl-edukazzjoni
17	Q	86-88	Servizzi marbuta mas-saħħa tal-bniedem u mal-ħidma soċjali
18	R	90-93	Arti, divertiment u rikreazzjoni
19	S	94-96	Servizzi oħra
20	T	97-98	Servizzi tal-persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu; oġġetti u servizzi mhux iddifferenzjati prodotti mill-persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom
21	U	99	Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali

P*38

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
1	01-03	Prodotti tal-agrikoltura, forestrija u sajd
2	05-09	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri
3	10-12	Prodotti tal-ikel, xorb u tabakk
4	13-15	Tessuti, ħwejjeġ li jintlibsu u prodotti tal-ġilda
5	16-18	Prodotti tal-injam u tal-karti, u servizzi tal-istampar
6	19	Kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
7	20	Kimiċi u prodotti kimiċi
8	21	Prodotti bażiċi farmaċewtiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi
9	22-23	Prodotti tal-lakstu u tal-plastik, u prodotti minerali oħra li mhumiex metalliċi
10	24-25	Prodotti ta' metalli bażiċi u ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ħlief għal makkinarju u tagħmir
11	26	Kompjuter, prodotti elettroniċi u ottiċi
12	27	Tagħmir tal-elettriku

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
13	28	Makkinarju u tagħmir n.e.c.
14	29-30	Tagħmir ta' trasport
15	31-33	Għamara; oġġetti manifatturati oħrajn; servizzi ta' tiswija u ta' installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir
16	35	Elettriku, gass, fwar u arja kkundizzjonata
17	36-39	Provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u servizzi ta' rimedjazzjoni
18	41-43	Kostruzzjonijiet u xogħlijiet ta' kostruzzjoni
19	45-47	Servizzi ta' kummerċ tal-operaturi ekonomiċi u tal-konsumaturi; servizzi ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
20	49-53	Servizzi ta' trasportazzjoni u ħażna
21	55-56	Akkomodazzjoni u servizzi marbuta mal-ikel
22	58-60	Pubblikazzjoni, servizzi awdjoviżivi u dawk marbuta max-xandir
23	61	Servizzi ta' telekomunikazzjoni
24	62-63	Programmar tal-kompjuter, konsulenza u servizzi relatati; servizzi ta' informazzjoni
25	64-66	Servizzi finanzjarji u ta' assigurazzjoni
26	68	Servizzi relatati ma' bini immobbli
26a		*Li minnhom: kirjiet imputabbli ta' binjiet okkupati mis-sidien*
27	69-71	Servizzi legali u ta' kontabilità servizzi tal-kwartieri ġenerali; servizzi ta' konsulenza dwar ġestjoni; servizzi ta' arkitettura u inġinerija; servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi
28	72	Servizzi ta' riċerka u żvilupp xjentifiċi
29	73-75	Servizzi ta' reklamar u riċerka dwar is-suq; servizzi oħrajn professjonali, xjentifiċi u tekniċi; servizzi veterinarji
30	77-82	Attivitajiet amministrattivi u ta' sostenn
31	84	Servizzi ta' amministrazzjoni u difiża pubblika; servizzi obbligatorji ta' sigurtà soċjali
32	85	Servizzi fl-edukazzjoni
33	86	Servizzi mas-saħħa tal-bniedem
34	87-88	Servizzi ta' ħidma soċjali
35	90-93	Servizzi ta' arti, divertiment u rikreazzjoni
36	94-96	Servizzi oħra

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
37	97-98	Servizzi ta' persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu; oġġetti u servizzi mhux iddifferenzjati prodotti mill-persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom
38	99	Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali

P*64

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
1	01	Prodotti tal-agrikoltura, il-kaċċa u servizzi relatati
2	02	Prodotti tal-forestrija, u qtugħ ta' siġar għall-injam u servizzi relatati
3	03	Ħut u prodotti tas-sajd oħrajn; prodotti tal-akwakultura; servizzi ta' sostenn għas-sajd
4	05-09	Xogħol fil-minjieri u l-barrieri
5	10-12	Prodotti tal-ikel; xorb; prodotti tat-tabakk
6	13-15	Tessuti; ħwejjeġ li jintlibsu; prodotti tal-ġilda u oħrajn relatati
7	16	Injam u prodotti tal-injam u s-sufra, ħlief għal għamara; oġġetti tat-tiben u materjali tat-trizza
8	17	Karta u prodotti tal-karta
9	18	Servizzi tal-istampar u tar-reġistrazzjoni
10	19	Kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
11	20	Kimiċi u prodotti kimiċi
12	21	Prodotti bażiċi farmaċewtiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi
13	22	Prodotti tal-lastku u tal-plastik
14	23	Prodotti oħra minerali li m'humiex metallici
15	24	Metalli bażiċi
16	25	Prodotti fabbrikati mill-metall, ħlief għall-makkinarju u tagħmir
17	26	Kompjuter, prodotti elettroniċi u ottiċi
18	27	Tagħmir tal-elettriku
19	28	Makkinarju u tagħmir n.e.c.
20	29	Vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers
21	30	Tagħmir ieħor tat-trasport
22	31-32	Għamara; oġġetti manifatturati oħrajn
23	33	Servizzi ta' tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir
24	35	Elettriku, gass, fwar u arja kkundizzjonata
25	36	Ilma naturali; trattament tal-ilma u servizzi ta' provvista

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
26	37-39	Servizzi ta' sistemi ta' drenaġġi; tajn tad-drenaġġ; servizzi tal-ġbir u trattament tal-iskart u disponiment minnu; servizzi ta' rkupru ta' materjali; servizzi ta' rimedjazzzjoni u servizzi oħrajn tal-ġestjoni tal-iskart
27	41-43	Kostruzzjonijiet u xogħlijiet ta' kostruzzjoni
28	45	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa u bejgħ bl-imnut u tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
29	46	Servizzi fil-qasam tan-negozju bl-ingrossa, ħlief għal vetturi bil-mutur u muturi
30	47	Servizzi ta' negozju bl-imnut, ħlief għal vetturi bil-mutur u muturi
31	49	Servizzi ta' trasport bl-art u servizzi ta' trasport permezz ta' linji ta' pajpijiet
32	50	Servizzi ta' transport fuq l-ilma
33	51	Servizzi tat-trasport bl-ajru
34	52	Il-ħżin tal-merkanzija u servizzi ta' sostenn għat-trasportazzjoni
35	53	Servizzi ta' posta u dawk tal-kurjer
36	55-56	Akkomodazzjoni u servizzi marbuta mal-ikel
37	58	Servizzi ta' pubblikazzjoni
38	59-60	Servizzi ta' produzzjoni ta' films vidjow u programmi televiżivi, reġistrazzjoni awdjo u pubblikazzjoni tal-mużika; servizzi tal-ipprogrammar u dawk marbuta max-xandir
39	61	Servizzi ta' telekomunikazzjoni
40	62-63	Programmar tal-kompjuter, konsulenza u servizzi relatati; servizzi ta' informazzjoni
41	64	Servizzi finanzjarji, ħlief għal fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni
42	65	Servizzi ta' assigurazzjoni, assigurazzjoni mill-ġdid u fondi tal-pensjoni, ħlief għas-sigurtà soċjali obbligatorja
43	66	Servizzi awżiljarji għal servizzi finanzjarji u servizzi tal-assigurazzjoni
44	68	Servizzi relatati ma' bini immobbli
44a		*li minnhom: kirjiet imputabbli ta' binjiet okkupati mis-sidien*
45	69-70	Servizzi legali u ta' kontabilità; servizzi ta' kwartieri ġenerali; servizzi ta' konsulenza fil-ġestjoni
46	71	Servizzi ta' arkitettura u inġinerija; servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi
47	72	Servizzi ta' riċerka u żvilupp xjentifiċi
48	73	Servizzi ta' reklamar u riċerka dwar is-suq
49	74-75	Servizzi oħrajn professjonali, xjentifiċi u tekniċi; servizzi veterinarji
50	77	Servizzi ta' kiri u ta' twillija

Nru. tas-Sekwenza	Id-diviżjonijiet tas-CPA 2008	Deskrizzjoni
51	78	Servizzi ta' impjieg
52	79	Aġenziji tal-ivjaġġar, operaturi tal-vjaġġi u servizzi ta' riservazzjoni u servizzi relatati
53	80-82	Servizzi ta' sigurtà u investigazzjoni; servizzi fir-rigward ta' binjiet u pajsaġġ; amministrazzjoni ta' uffiċċji, sostenn għal uffiċċji u negozju ieħor
54	84	Servizzi ta' amministrazzjoni u difiża pubblika; servizzi obbligatorji ta' sigurtà soċjali
55	85	Servizzi fl-edukazzjoni
56	86	Servizzi marbuta mas-saħħa tal-bniedem
57	87-88	Servizzi ta' kura residenzjali; servizzi ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni
58	90-92	Servizzi kreattivi, fl-arti u d-divertiment; servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħrajn; servizzi tal-logħob tal-flus u l-imħatri
59	93	Servizzi sportivi u servizzi ta' żmien u rikreazzjoni
60	94	Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet ta' sħubija
61	95	Servizzi ta' tiswija ta' kompjuters u oġġetti personali u tad-dar
62	96	Servizzi personali oħrajn
63	97-98	Servizzi ta' persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu; oġġetti u servizzi mhux iddifferenzjati pprodotti minn persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom
64	99	Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali

AN_F6: Analiżi tal-assi fissi

Kategorija tal-assi	Deskrizzjoni
AN.1111	djar
AN.1112	bini u l-istrutturi l-oħra
AN.11131	tagħmir tat-trasport
AN.11132	makkinarju u tagħmir ieħor
AN.1114	assi kkultivati
AN.112	assi fissi li mhumiex tanġibbli

AN_F6†: Analiżi tal-assi fissi

Kategorija tal-assi	Deskrizzjoni
AN.1111	djar
AN.1112	bini u l-istrutturi l-oħra
AN.11131	tagħmir tat-trasport

Kategorija tal-assi	Deskrizzjoni
AN.11132	makkinarju u tagħmir ieħor
li minnhom: AN.111321	makkinarju u tagħmir goff tal-uffiċċju
li minnhom AN.111322	tagħmir tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni
AN.1114	assi kkultivati
AN.112	assi fissi li mhumiex tanġibbli
li minnhom: AN.1122	softwer tal-kompjuter”